Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/3328

1.7.2025

**DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**tal-5 ta’ Mejju 2025**

**li tistabbilixxi r-Regoli dwar il-kundizzjonalità u dwar id-dikjarazzjoni u pubblikazzjoni tal-laqgħat tal-Maniġers tal-Parlament ma’ rappreżentanti tal-gruppi ta’ interess u ma’ rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi ta’ pajjiżi terzi**

(C/2025/3328)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 25(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta’ Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta’ Trasparenza ([1]),

— wara li kkonsulta lis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew, lill-Kumitat tal-Persunal tal-Parlament Ewropew, lill-Kumitat għall-Ugwaljanza tal-Opportunità bejn l-irġiel u n-nisa u għad-Diversità tal-Parlament Ewropew, u lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jeżiġi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, permezz ta’ mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jikkomunikaw u jiskambjaw pubblikament il-fehmiet tagħhom fl-oqsma ta’ azzjoni kollha tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 11(2) TUE jeżiġi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili.

(2) L-Artikolu 15(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li, sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b’mod kemm jista’ jkun miftuħ.

(3) It-Titolu II tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet ta’ Impjieg ta’ Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([2]) jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali, filwaqt li jiddeskrivi b’mod espliċitu l-imġiba u d-dmirijiet tagħhom.

(4) Il-Parlament jimpenja ruħu li jiżgura l-integrità, l-indipendenza u l-obbligu ta’ rendikont tiegħu, li huma essenzjali biex tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-leġittimità tal-proċessi politiċi, leġiżlattivi u amministrattivi tal-Unjoni. Jenħtieġ li dak l-impenn jissarraf f’rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tal-laqgħat tal-maniġers tal-Parlament f’impjieg attiv fis-Segretarjat Ġenerali tiegħu.

(5) L-istituzzjonijiet firmatarji tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta’ Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta’ Trasparenza (il-“FII dwar reġistru obbligatorju ta’ trasparenza”) impenjaw ruħhom għall-“kundizzjonalità”, il-prinċipju li permezz tiegħu r-reġistrazzjoni fir-reġistru tat-trasparenza tkun prekundizzjoni meħtieġa għar-rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess biex ikunu jistgħu jwettqu ċerti attivitajiet koperti. L-istituzzjonijiet firmatarji jimplimentaw dak il-prinċipju permezz ta’ deċiżjonijiet individwali abbażi tas-setgħat tagħhom ta’ organizzazzjoni interna.

(6) Jenħtieġ li il-prinċipju tal-kundizzjonalità japplika għal-laqgħat skedati bejn ir-rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess u l-maniġers tal-amministrazzjoni tal-Parlament fir-rigward tal-ħidma parlamentari.

(7) Il-laqgħat skedati tal-maniġers mar-rappreżentanti ta’ gruppi ta’ interess u mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi ta’ pajjiżi terzi fir-rigward tal-ħidma parlamentari jenħtieġ li jkunu ddikjarati u ppubblikati b’mod li jiżgura li l-amministrazzjoni tal-Parlament tkun miftuħa, effiċjenti u indipendenti.

([1]) ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj.
([2]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj.

(8) Ċerti attivitajiet u korpi elenkati fl-Artikolu 4 tal-FII dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-FII u għaldaqstant jenħtieġ li ma jkunux koperti mid-definizzjoni ta' "rappreżentant ta' grupp ta' interess" f'din id-Deċiżjoni.

(9) Iċ-ċittadini tal-Unjoni li jżuru l-bini tal-Parlament, il-petizzjonanti u l-ġurnalisti li jipparteċipaw f'konferenzi stampa jew f'attivitajiet ta' informazzjoni oħra organizzati għall-benefiċċju tagħhom jenħtieġ li majitqiesux bħala "rappreżentanti ta' gruppi ta' interess" kif definit f'din id-Deċiżjoni. Bl-istess mod, is-sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tas-servizzi tal-Parlament li għandhom l-għan li jilħqu udjenzi li jikkonsistu minn multiplikaturi jenħtieġ li ma jitqiesux bħala laqgħat skedati ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess għal finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

(10) Fid-dawl tal-impenn tal-Parlament biex jiżgura l-integrità, l-indipendenza u l-obbligu ta' rendikont u f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tiegħu, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu ppublikati l-ismijiet tal-maniġers li jkunu ddikjaraw laqgħa skedata skont din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) "maniġer" tfisser is-Segretarju Ġenerali, Direttur Ġenerali, Direttur, Kap ta' Unità, Kap ta' Uffiċċju ta' Kollegament jew Kap ta' Tim, inkluż fil-kapaċità ta' aġent;

(b) "rappreżentant ta' grupp ta' interess" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp, assoċjazzjoni jew network formali jew informali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FII dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza, li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet koperti skont l-Artikolu 3 tal-FII dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza, soġġetti għall-eżenzjonijiet għall-attivitajiet u l-korpi mhux koperti skont l-Artikolu 4 tal-FII dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza;

(c) "rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi" tfisser ir-rappreżentanti kollha, fil-livell nazzjonali jew sottonazzjonali, ta' pajjiżi terzi u l-missjonijiet diplomatiċi, l-ambaxxati, il-konsolati, il-mibgħuta kummerċjali, l-entitajiet kummerċjali u rappreżentanzi oħrajn tagħhom.

(d) "laqgħa skedata" tfisser laqgħa ppjanata ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess jew ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi bil-preżenza fiżika jew mill-bogħod, li ġiet organizzata bil-quddiem, u li teskludi fost l-oħrajn, l-inkontri spontanji jew soċjali u l-parteċipazzjoni f'dibattiti pubbliċi, u teskludi l-laqgħat li jsiru fl-ambitu ta' proċedura amministrattiva stabbilita mit-TUE, mit-TFUE jew mill-atti tal-Unjoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-maniġer,, jew laqgħat li jiffurmaw parti mill-programm ta' korp uffiċjali tal-Parlament;

(e) "kundizzjonalità" tfisser il-prinċipju li permezz tiegħu r-reġistrazzjoni fir-reġistru tat-trasparenza tkun prekundizzjoni għar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess biex ikunu jistgħu jwettqu ċerti attivitajiet koperti.

*Artikolu 2*

**Kundizzjonalità**

1. Il-laqgħat skedati fir-rigward tal-ħidma parlamentari organizzati bejn rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u maniġers għandhom ikunu kundizzjonali għar-reġistrazzjoni minn qabel tar-rappreżentanti ta' grupp ta' interess fir-reġistru tat-trasparenza.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, is-Segretarju Ġenerali, jew il-President fil-każ ta' laqgħat skedati tas-Segretarju Ġenerali, jista' jiddeċiedi li laqgħa skedata ma' rappreżentant ta' grupp ta' interess tista' isir mingħajr reġistrazzjoni fir-reġistru tat-trasparenza jekk ir-reġistrazzjoni tkun tipperikola l-ħajja, l-integrità fiżika jew il-libertà ta' individwu jew fejn ikun hemm raġunijiet konvinċenti oħra biex ma tiġix irreġistrata.

[3] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

*Artikolu 3*

**Dikjarazzjoni u pubblikazzjoni tal-laqgħat**

1. Il-maniġers għandhom jiddikjaraw il-laqgħat skedati kollha fir-rigward tal-ħidma parlamentari ma' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u ma' rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi li jipparteċipaw fihom.

2. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru mill-maniġers sa mhux aktar tard minn tletin jum kalendarju minn meta tkun saret il-laqgħa skedata. Dawn għandhom isiru bl-użu ta' formola elettronika ddedikata. Dik il-formola elettronika għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-funzjoni tal-maniġer;

(b) isem l-organizzazzjoni jew il-funzjoni jew l-interessi tal-individwi li magħhom saret il-laqgħa, mingħajr ma jiġu identifikati b'isimhom;

(c) id-data u l-post tal-laqgħa;

(d) il-ħidma parlamentari (rapport, opinjoni, riżoluzzjoni, dibattitu plenarju jew urġenza) li magħha hija relatata l-laqgħa.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata mill-Parlament.

4. B'deroga mill-paragrafi 2 u 3, laqgħa skedata li d-divulgazzjoni tagħha tkun tipperikola l-ħajja, l-integrità fiżika jew il-libertà ta' individwu jew laqgħa skedata li fir-rigward tagħha jkun hemm raġunijiet konvinċenti oħra biex tinżamm il-kunfidenzjalità għandha tiġi ddikjarata b'mod xieraq, sa mhux aktar tard minn tletin jum kalendarju minn meta saret, lis-Segretarju Ġenerali, jew fil-każ ta' laqgħa skedata tas-Segretarju Ġenerali, lill-President. Is-Segretarju Ġenerali, jew, meta applikabbli, il-President, għandu mbagħad jiddeċiedi jżommx dik id-dikjarazzjoni kunfidenzjali jew jippubblikahiex b'mod sħiħ jew f'forma anonima, inkluż b'mod differit meta jkun xieraq.

*Artikolu 4*

**Evalwazzjoni**

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tkun evalwata sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tagħha.

*Artikolu 5*

**Gruppi politiċi**

Il-gruppi politiċi jistgħu jiddeċiedu li japplikaw, *mutatis mutandis*, din id-Deċiżjoni fl-intier tagħha. Wara notifika f'dak is-sens lis-Segretarju Ġenerali, il-Parlament għandu jagħmel l-mezzi tekniċi neċessarji disponibbli.

*Artikolu 6*

**Dħul fis-seħħ u pubblikazzjoni**

1. Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2025.

2. F'konformità mal-Artikolu 5(3) tal-FII dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza, din id-Deċiżjoni għandha ssir pubblika fuq is-sit web tar-reġistru tat-trasparenza.

3. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.